MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 222/2007

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti nghaqdet fiz-zwieg Civili ma' l-intimat li huwa cittadin Amerikan, f' Malta nhar it-23 ta' Ottubru 1999, kif juri c-certifikat taz-zwieg immarkat Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt datat 12 ta’ Ottubru 2005 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Elizabeth Scriha LL.D.;

4. Illi l-kunsens kemm tar-rikorrenti u tal-intimat kien ivvizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-gudizzju u dana ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi l-kunsens taz-zewg kontendenti kien ivvizzjat minhabba l-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, partikolarment dik ta’ bonum prolis u unjoni permanenti;

6. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null ai termini tal-artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 u huwa bla effett fil-ligi;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit 23 ta’ Ottubru, 1999 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna li din in-nullita tigi rregistrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati fis-sens li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz, filwaqt li rrizervaw li jipproducu risposta ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-

konvenut assenti huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-kontendenti huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] u ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fit-23 ta' Ottubru 1999 meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 30 sena u l-konvenut, cittadin amerikan, kellu 25 sena. Fi Frar 2001 il-partijiet isseparaw de facto billi l-konvenut telaq minn Malta ghal kollox. Minn dan iz-zwieg, <u>li dam ftit aktar minn sena</u>, ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li hija kienet ilha ghal xi zmien tohrog mal-konvenut li huwa professional basketball player. Peress li fis-sena 1999 dana rriskontra problemi dwar is-soggjorn tieghu f' Malta, u peress li l-attrici riedet li l-konvenut jibqa' Malta akkost ta' kollox stante li kienet infatwata fuqu, hija laqghet is-suggeriment tieghu sabiex jizzewgu bir-rit civili sabiex ikun jista' jibqa' jghix f' Malta.

L-attrici tghid pero' li hija f' dak iz-zmien mar riditx li tizzewweg bir-rit religjuz peress li kienet accettat li tikkuntratta zwieg civili mal-konvenut, mhux ghax riedet verament tghix il-hajja mizzewga mieghu, izda bl-iskop uniku li dana ufficjalment ikun maghruf bhala zewgha u ghalhekk ikun jista' jibqa' Malta. Di fatti l-partijiet izzewgu civilment minghajr preparamenti, u wara l-iffirmar tal-kuntratt taz-zwieg, l-attrici baqghet tghix ghand ommha, filwaqt li l-konvenut baqa' jghix fl-appartament tieghu; u kien biss wara hames xhur taz-zwieg li l-partijiet bdew jikkoabitaw ghar-rashom.

L-attrici tghid li huma kienu ddecidew li ma jkollhomx tfal fiz-zwieg qabel mar-relazzjoni taghhom tkun tali li skond hi jkunu jistghux jghaddu biex jiccelebraw zwieg bir-rit religjuz. Izda r-relazzjoni taghhom bdiet tmur lura principalment minhabba l-fatt li perijodikament il-konvenut kien isiefer lejn pajjizu ghal perijodi twal. Sussegwentement fi Frar tas-sena 2001 huwa nforma lill-attrici li kien sejjer lura lejn pajjizu u li ma kellux l-

intenzjoni li jibqa' jghix maghha. Konsegwentement iz-zwieg bir-rit religjuz baqa' ma sar qatt.

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li meta l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg civili huma f' dak l-istadju kien eskludew l-possibilita' li jkollhom tfal minn dan iz-zwieg li huma kienu kkuntrattaw purament u unikament ghar-ragunijiet li m' ghandhom x' jaqsmu xejn mas-sinifikat taz-zwieg u tal-hajja mizzewga. Mill-provi mhux kontrastati jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali z-zewg partijiet eskludew b' att posittiv tal-volonta' taghhom obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali, u wkoll iz-zwieg innifsu. L-attrici tghid: "I did not bother to wear a wedding gown and there was no reception to celebrate the occasion of my marriage or any wedding photos. For me and my family this was just a formality that I had to go through to help D stay in Malta. Our 'real' wedding would be played out later on in a real marriage in church."

Jigi osservat li, apparti mix-xhieda kategorika u mhux kontradetta da parti ta' l-attrici, il-perijodu qasir tal-"konvivenza" matrimonjali jghati konfort lit-tezi attrici.

Minn dan jirrizulta manifest li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Ottubru 1999; u tordna l-konsegwenzjali registrarazzjoni fuq l-Att taz-Zwieg.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti wgwali; izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------